PDF Compressor Pro





Raymond Bonello fil-parti prinċipali ta' Ġesù jidher jagħmel miraklu ta' fejqan

# L-Għanja ta' Mark

Nhar Ħadd il-Għid filgħaxija, il-Pjazza tax-Xagħra nbidlet f'palk sabiex jitwassal messaġġ mill-vanġelu. Il-Pjazza saret pulptu ieħor, meta ttella' l-*musical* imsawwar fuq l-Evanġelju ta' San Mark, ***L-Għanja ta' Mark,*** taħt id-direzzjoni artistika ta' Marvic Bajada. Rappreżentazzjoni leali għall-awtentiċità tal-messaġġ evanġeliku u li wasslet dan kollu b'messaġġ attwali.

Ħadu sehem fost l-oħrajn Raymond Bonello fil-parti ta' Ġesù, Charlene Bonello li ħadmet il-parti tal-Madonna, Joseph Bartolo li għamilha ta' Ġwanni l-Battista, Joseph Bajada bħal Pietru, Lorry Refalo ħadem il-parti ta' Gakbu waqt illi Aaron Agius u Michael Attard ħadmu l-parti ta' Ġwanni u Indrija rispettivament. Barra numru kbir ta' kantanti u żeffiena, ħa sehem ukoll il-kor tat-tfal Santa Klara t'Assisi, taħt id-direzzjoni ta' Natalie Attard u Swor Michaela Calleja.



Fost oħrajn fir-ritratt jidhru n-narratturi nisa mix-xellug Audrey Bartolo, Miriam Sultana u Silvana Agius. Warajhom jidher il-Kor tat-tfal Santa Klara t'Assisi



Gesu' mislub. Jidhru l-Madalena, Marija u Ġwanni, maħduma tant tajjeb minn Christabel Bajada, Charlene Bonello u Aaron Agius

**MINN GĦAWDEX** *ma'* **Charles Spiteri**





Waqt il-purċissjoni bil-vara ta' Kristu Rxoxt

# Manifestazzjoni tal-Irxoxt

Nhar l-Għid il-Kbir, filgħodu, fil-Katidral, wara ċelebrazzjoni ta' quddiesa għall-familja, li fiha ħa sehem ukoll il-*Cathedral Youth Choir*, l-Arċipriet tal-Parroċċa, Mons. Ġużeppi Attard, ħareġ barra l-knisja fejn bierek u qassam figolli lit-tfal kollha preżenti. Imbagħad saret manifestazzjoni bl-istatwa tal-Irxoxt, bis-sehem tal-Banda Cittadina Leone.

Filgħaxija, Mons. Isqof Mario Grech mexxa l-Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Għid il-Kbir, bis-sehem tar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral. Ħa sehem ukoll il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.



Jidhru t-tfal, l-aħwa Denise u Jasmine Buttigieg u Laura Camilleri, hekk kif ingħatawlhom il-figolli



Il-Banda Cittadina Leone waqt il-Manifestazzjoni tal-Irxoxt nieżla minn Triq il-Kastell



Mons. Isqof Grech ibierek lin-nisa qabel marru biex jidilku bil-fwejjaħ l-Artal

# Is-Siegħa tal-Omm f'Ta' Pinu

Nhar is-Sibt Imqaddes, it-3 ta' April, il-Knisja ngħaqdet ma' Marija fi stennija tal-qawmien ta' Kristu. L-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, f'din il-ġurnata, filgħodu, mexxa ċelebrazzjoni Marjana, ***Is-Siegħa tal-Omm***, fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu. It-talb kien ispirat mit-tradizzjoni tal-Liturġija Latina u dik Biżantina.

Lejn tmiem iċ-ċelebrazzjoni, xi nisa, bħalma għamlu n-nisa li marru biex jidilku l-ġisem ta' Ġesù fil-qabar, bdew jidilku bil-fwejjaħ l-Artal, simbolu ta' Kristu.

Ċelebrazzjoni simili tiġi ċċelebrata ukoll fil-Bażilika Marjana ta' Santa Maria Maggiore ġewwa Ruma.



Mons. Isqof Grech jiġi ppreżentat mir-Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu, Dun Gerard Buhagiar, bil-Blandun, ix-xemgħa li ntużat fiċ-ċelebrazzjoni tal-Għid. Xemgħa, simbolu, ta' Kristu Rxoxtat, b'pittura ta' Anthony Grech mix-Xewkija